Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/2129

17.10.2025

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/2129**

**tal-10 ta' Ottubru 2025**

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-Programmi Ewropej ta' Navigazzjoni bis-Satellita**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 189, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/20/UE ([2]), il-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-Programmi Ewropej tan-Navigazzjoni bis-Satellita ("il-Ftehim") ġie ffirmat fit-18 ta' Diċembru 2013, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard. L-elementi tal-Ftehim li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni ġew applikati proviżorjament mill-1 ta' Jannar 2014 sakemm jidħol fis-seħħ il-Ftehim.

(2) Il-Ftehim jippermetti l-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fil-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita. Biex tpatti għal dan, l-Iżvizzera ser tikkontribwixxi finanzjarjament għall-programmi.

(3) Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) stabbilixxa l-Programm Spazjali tal-Unjoni. Is-Sistemi globali ta' navigazzjoni bis-satellita Ewropea (GNSS) huma komponenti tal-Programm Spazjali tal-Unjoni.

(4) Il-Ftehim jenħtieġ ikun approvat f'isem l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-Programmi Ewropej ta' Navigazzjoni bis-Satellita ("il-Ftehim") huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

*Artikolu 2*

Il-pożizzjoni li l-Unjoni għandha tieħu fil-Kumitat Konġunt u l-gruppi msemmija fl-Artikolu 20(4) tal-Ftehim għandha tiġi adottata mill-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni.

([1]) Approvazzjoni tal-10 ta' Settembru 2025 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/20/UE tat-23 ta' Settembru 2013, dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-Programmi Ewropej ta' Navigazzjoni bis-Satellita (ĠU L 15, 20.1.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2014/20(1)/oj).
([3]) Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u, (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/696/oj).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-10 ta’ Ottubru 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. LOSE